# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar il-5 ta Gunju 2023**

**Rikors Nru : 639/2022 JPG**

**Kawza Nru :25**

**ML**

**Vs**

**AA**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors tal-attrici datat 9 ta' Dicembru 2022 a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet izzewgu f'Malta fis-sitta ta' April tas-sena elfejn u tnejn (06/04/2002) u dana skont ic-certifikat taz-zwieg bin-numru tnejn, sitta, zero, tas-sena elfen u tnejn (260/2002) anness u mmarkat bhala 'Dok A';*

2. *Illi minn dan iz-zwieg il-kontendenti kellhom tifla wahda, K, li twieldet f'X, li llum hija maggorenni u li mghadhiex tistudja peress illi qeghda tahdem.*

3. *Illi l-partijiet isseparaw bonarjament b'kuntratt ta' firda personali datat il-hamsa u ghoxrin ta' Frar tas-sena elfejn u erba (25/02/2011) fl-atti tan-Nutar Dottor Peter Fleri Soler anness u mmarkat bhala 'Dok B'.*

4. *Illi ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u dana stante l-fatt illi huma qieghdin jghixu separatament minn dakinhar tas-separazzjoni bonarja.*

5. *Illi l-partijiet irrinunzjaw ghal kull obbligu ta' manteniment reciproku bejniethom.*

6. *Illi ghalhekk il-partijiet issodisfaw il-kundizzjonijiet kollha rikjesti mill-ligi sabiex jigi pronunzjat id-divorzju ta' bejniethom u dana ai termini tal-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

7. *Illi ma dan ir-rikors guramentat ir-rikorrenti qieghda ukoll tannetti l-affidavit taghha mmarkata bhala 'Dok C'.*

*Tghid ghalhekk l-intimata ghaliex dina l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex:*

1. *Tordna l-hall taz-zwieg ta' bejniethom minnhom kuntrattat fis-sitta ta' April tas-sena elfejn u tnejn (06/04/2002).*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jirregistra d-divorzju tal-partijiet fir-Registru Pubbliku.*

   *Bl-ispejjez kontra l-intimat li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta guramentata tal-intimat datat 24 ta' Marzu 2023, a fol 24 et seqq., li taqra hekk:

1. *Illi huwa minnu illi l-partijiet izzewgu f'Malta fis-6 ta' April tas-sena 2002, u li l-partijiet isseparaw bonarjament b'kuntratt ta' firda personali data il-25 ta' Frar, 2011 fl-atti tan-Nutar Dottor Peter Fleri Soler.*

2. *Illi huwa minnu wkoll illi l-Partijiet kellhom tifla wahda, K, li twieldet f'X, u li llum hija maggorenni u tahdem full-time.*

3. *Illi hemm qbil li z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment minghajr ebda prospett ragjonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-Partijiet u l-partijiet ghexu separatament minn dakinhar tas-separazzjoni bonarja.*

4. *Illi fir-rigward tal-manteniment lit-tifla, l-esponent dejjem hallas fil-hin u ma hemm ebda arretrati ta' manteniment dovut lir-rikorrenti.*

5. *Illi fir-rigward tal-manteniment lejn ir-rikorrenti, qieghed jigi ddikjarat illi l-partijiet irrinunzjaw ghall-obbligu ta' manteniment reciproku bejniethom, u ghalhekk l-ebda manteniment ma hu dovut lir-rikorrent ML.*

6. *Illi l-esponenti ma ghandu l-ebda oggezzjoni ghat-talba tar-rikorrenti sabiex jigi ppronunzjat id-divorzju ta' bejniethom ai termini ta' Artikolu 66B tal- Kodici Civili tal-Ligijiet ta' Malta.*

7. *Illi ma' din ir-risposta guramentata, l-esponenti qieghed jannetti l-affidavit tieghu, anness u mmarkat bhala Dokument A.*

8. *Illi izda peress illi t-talba ghall-pronunzjament tad-divorzju saret unikament mir-rikorrenti ML u mhux mill-esponenti, l-esponenti m'ghandux ibati l-ispejjez proceduri odjerni.*

9. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**L-attrici xehedet** (vide affidavit fol 17) illi l-partijiet izzewgu nhar is-6 ta' April 2002, u minn dan iz-zwieg twieldet tifla, llum maggiorenni. Sostniet illi l-partijiet sseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Peter Fleri Soler nhar il-25 ta' Frar 2011. Xehdet illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni u lanqas ma hemm ebda manteniment dovut bejn il-partijiet.

**L-intimat xehed** (vide fol 26) u kkonferma u kkorrabora dak li xehedet martu.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***
>
> ***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***
>
> ***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***
>
> ***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

> ***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***
>
> ***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***
>
> ***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar is-6 t'April 2022, liema zwieg jgib certifikat numru 260/2002 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 6). Minn dan iz-zwieg twieldet tifla, illum maggiorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Peter Fleri Soler nhar il-25 ta' Frar 2011 (Vide fol 7 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-partijiet affermaw illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 260/2002 u tordna lir-**

**Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jkunu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**